**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' l-Erbgha 5 ta' Dicembru, 2018**

**Rikors Numru : 418/2018 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**VL**

**Vs**

**EL**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' VL detenur tal-karta tal-identita' numru X, datat 18 ta' Settembru 2018, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi huwa zzewweg lill-intimata fit-tlieta (3) ta' April elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983), liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, (Kopja tac-Certifikat annessa bhala Dokument A);*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat hamsa (5) ta' Mejju elfejn u hdax (2011), in atti tan-Nutar Dott.Maria Briffa, liema kuntratt qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dokument B;*

*Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied illum maggorenni, u ma tezisti*

> *l-ebda problema dwar pendenzi ta' manteniment bejniethom.*
>
> *Illi r-rikorrenti jaf li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*
>
> *Illi ghaddew oltre erba' snin mid-data tas-separazzjoni bejn il-partijiet, u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*
>
> *Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet. Ghaldaqstant r-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' EL hu mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi f'seduta stante tad-29 t'Ottubru, 2018. (Vide fol 14)

Rat in-nota ta' amissjoni ipprezenta minn Dr. Kirk Brincau ghall-intimata. (Vide fol 16)

Rat illi l-kontendenti jaqblu li l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa. (vide fol 14)

Rat illi VL obbliga ruhu illi jaghmel *standing order* ghall-manteniment dovut EL, filwaqt li f'seduta stante ghadda lil EL cekk bil-manteniment dovut ta' Novembru 2018. (Vide fol 15)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**VL** xehed a fol 16 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-3 t'April 1983 u kien ottjenew separazzjoni legali fil-5 ta' Mejju 2011 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn

dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt'itfal li tnejn huma maggorenni, u mizzewgin. Qal illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni huwa obbligu ruhhu li jhallas lil martu is-somma ta' €140 fix-xahar bhala manteniment, u dejjem onora il-pagament dovuti. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar seba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**EL** xehdet a fol 19 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-3 t'April 1983 u kien ottjenew separazzjoni legali fil-5 ta' Mejju 2011 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt'itfal li tnejn huma maggorenni, u mizzewgin. Xehdet illi kien hemm drabi fejn l-intimat ma hallasx il-manteniment puntwalment u kellha titlob lil binthom sabiex tghidlu jhallasha. Qalet illi pero ghal dawn l-ahhar sitt xhur jew sena il-manteniment kien qieghed jithallas b'mod regolari, u xi drabi anke jithallas bil-quddiem.

**In kontro-ezami** a fol 21 xehdet illi m'hemmx arretrati ta' manteniment.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghall-kaz in ezami senjatament:

> ***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieġ illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*
> ***[...]***
>
> ***66B.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub flartikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*
*[...]*

Il-Qorti targhaf illi jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 5 ta' Mejju 2011fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Briffa, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar seba' (7) snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mil-lum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**